



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Impjegi u l-Affarjiet Soċjali*

---

**2011/2072(INI)**

1.6.2011

# **EMENDI**

## **1 - 32**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Pervenche Berès**  
(PE464.779v01-00)

dwar l-isfida tas-sikurezza tal-attivitajiet taż-żejt u l-gass fil-baħar  
(2011/2072(INI))

AM\_Com\_NonLegOpinion

**Emenda 1**  
**Elizabeth Lynne**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 1**

*Abbozz ta' opinjoni*

1. Jenfasizza li s-settur tal-attivitajiet taż-żejt u l-gass fil-baħar iġib miegħu riskji kbar għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema minħabba l-kundizzjonijiet ambjentali spiss estremi, il-ħinijiet tax-xogħol f' forma ta' perjodi ta' 12-il siegħa, kif ukoll minħabba sitwazzjoni ta' iżolament, u *jqis* li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom **għandhom ikunu** regolamentati, **partikolarment fir-rigward tal-iżbalji umani li dawn jistgħu jikkawżaw;**

*Emenda*

1. Jenfasizza li s-settur tal-attivitajiet taż-żejt u l-gass fil-baħar iġib miegħu riskji kbar għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema minħabba l-kundizzjonijiet ambjentali spiss estremi, il-ħinijiet tax-xogħol f' forma ta' perjodi ta' 12-il siegħa, kif ukoll minħabba sitwazzjoni ta' iżolament, u **jirrikonoxxi** li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom **huma, u jeħtieġ li jkomplu jkunu** regolamentati **sabiex jimminizzaw l-iżbalji umani u sabiex ikunu protetti l-ħaddiema;**

Or. en

**Emenda 2**  
**Csaba Ory**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 1**

*Abbozz ta' opinjoni*

1. Jenfasizza li s-settur tal-attivitajiet taż-żejt u l-gass fil-baħar iġib miegħu riskji kbar għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema minħabba l-kundizzjonijiet ambjentali spiss estremi, il-ħinijiet tax-xogħol f' forma ta' perjodi ta' 12-il siegħa, kif ukoll minħabba sitwazzjoni ta' iżolament, u *jqis* li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom għandhom ikunu regolamentati, **partikolarment fir-rigward tal-iżbalji umani li dawn jistgħu jikkawżaw;**

*Emenda*

1. Jenfasizza li s-settur tal-attivitajiet taż-żejt u l-gass fil-baħar iġib miegħu riskji kbar għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema minħabba l-kundizzjonijiet ambjentali spiss estremi, il-ħinijiet tax-xogħol f' forma ta' perjodi ta' 12-il siegħa, kif ukoll minħabba sitwazzjoni ta' iżolament, u *jqis* li l-kundizzjonijiet **speċifiċi** tax-xogħol tagħhom, u **speċjalment l-istress psikoloġiku**, għandhom ikunu regolamentati;

Or. en

**Emenda 3**  
**Philippe Boulland**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 1**

*Abbozz ta' opinjoni*

1. Jenfasizza li s-settur tal-attivitajiet taż-żejt u l-gass fil-baħar iġib miegħu riskji kbar għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema minħabba l-kundizzjonijiet ambjentali spiss estremi, il-ħinijiet tax-xogħol f' forma ta' perjodi ta' 12-il siegħa, kif ukoll minħabba sitwazzjoni ta' iżolament, u jqis li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom għandhom ikunu regolamentati, partikolarment fir-rigward tal-iżbalji umani li dawn jistgħu jikkawżaw;

*Emenda*

1. Jenfasizza li s-settur tal-attivitajiet taż-żejt u l-gass fil-baħar iġib miegħu riskji kbar għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema minħabba l-kundizzjonijiet ambjentali spiss estremi, il-ħinijiet tax-xogħol f' forma ta' perjodi ta' 12-il siegħa, kif ukoll minħabba sitwazzjoni ta' iżolament, u jqis li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom għandhom ikunu regolamentati, partikolarment fir-rigward tal-iżbalji umani li dawn jistgħu jikkawżaw; ***għalhekk jirrakkomanda li l-ħaddiema għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw minn sistema ta' assigurazzjoni kif ukoll kumpanja ta' assigurazzjoni mutwali adegwati għar-riskji li jkun hemmi;***

Or. en

**Emenda 4**  
**Elizabeth Lynne**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 2**

*Abbozz ta' opinjoni*

2. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li teżamina mill-ġdid id-Direttiva 92/91/KEE, u jitlob li jkun hemm approċċ ***f'termini ta' armonizzazzjoni massima u mhux minima, peress li din tista' twassal għal differenzi fit-trattament fi ħdan l-istess intrapriża skont il-post tax-xogħol;***

*Emenda*

2. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li teżamina mill-ġdid id-Direttiva 92/91/KEE, u jitlob li jkun hemm approċċ ***sħiħ u miftuħ li jevalwa kemm l-effettività tal-leġiżlazzjoni eżistenti, kif ukoll il-possibilitajiet għall-armonizzazzjoni futura tal-leġiżlazzjoni,***

Or. en

**Emenda 5**  
**Csaba Ory**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 2**

*Abbozz ta' opinjoni*

2. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li teżamina mill-ġdid id-Direttiva 92/91/KEE, u jitlob li jkun hemm approċċ *f'termini ta' armonizzazzjoni massima u mhux minima, peress li din tista' twassal għal differenzi fit-trattament fi ħdan l-istess intrapriża skont il-post tax-xogħol;*

*Emenda*

2. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li teżamina mill-ġdid id-Direttiva 92/91/KEE, u jitlob li jkun hemm *regola trasparenti, effiċjenti u konsistenti li jeħtieġ li tkun applikabbli għall-impjegati kollha li jaħdmu fis-settur ta' fuq il-baħar;*

Or. en

**Emenda 6**  
**Thomas Mann**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 2 a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*2a. Jenfasizza li xi Membri diġà għandhom mekkaniżmi ta' sikurezza eċċellenti meta mqabbla mal-livell internazzjonali u Ewropew;*

*Emenda*

Or. en

**Emenda 7**  
**Thomas Mann**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 2 b (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*2b. Jenfasizza li huwa importanti ħafna li jiġu identifikati l-aħjar Prattiki rigward*

*Emenda*

*saħħa u sikurezza, kif ukoll rigward  
taħriġ u kwalifiki;*

Or. en

**Emenda 8**  
**Jutta Steinruck**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 3**

*Abbozz ta' opinjoni*

3. Jinsisti dwar il-bżonn li jkun hemm sistemi ta' kontroll effikaċi min-naħa tal-entitajiet ta' spezzjoni, b'metodi innovattivi ta' verifiki speċifiċi fir-rigward tal-ħinijiet tax-xogħol u l-operazzjonijiet ta' salvataġġ;

*Emenda*

3. Jinsisti dwar il-bżonn li jkun hemm sistemi ta' kontroll effikaċi min-naħa tal-entitajiet ta' spezzjoni, b'metodi innovattivi ta' verifiki speċifiċi fir-rigward tal-ħinijiet tax-xogħol u l-operazzjonijiet ta' salvataġġ ***u jkunu jistgħu jiġu applikati sanzjonijiet għal vjolazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema;***

Or. en

**Emenda 9**  
**Pervenche Berès**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4**

*Abbozz ta' opinjoni*

4. Jixtieq li tiġi żviluppata kultura ta' saħħa u ta' sikurezza, permezz tal-impenn min-naħa tal-intrapriżi u l-parteċipazzjoni attiva min-naħa tal-ħaddiema, partikolarment billi dawn jiġu kkonsultati u billi jiġu assoċjati fit-tfassil u fl-applikazzjoni tal-proċeduri ta' sikurezza, kif ukoll billi tingħata informazzjoni dwar ir-riskju potenzjali li jkunu qed jiffaċċjaw;

*Emenda*

4. Jixtieq li tiġi żviluppata kultura ***preventiva*** ta' saħħa u ta' sikurezza, permezz tal-impenn min-naħa tal-intrapriżi u l-parteċipazzjoni attiva min-naħa tal-ħaddiema, partikolarment billi dawn jiġu kkonsultati u billi jiġu assoċjati fit-tfassil u fl-applikazzjoni tal-proċeduri ta' sikurezza, kif ukoll billi tingħata informazzjoni dwar ir-riskju potenzjali li jkunu qed jiffaċċjaw; ***jenfasizza l-importanza tat-testjar u l-moniteraġġ ta' dawn il-proċeduri tul il-***

*katina kollha ta' kmand sabiex ikun  
żgurat li l-ogħla amminstrazzjoni wkoll  
tkun imħarrġa u responsabbli f'każ ta'  
aċċidenti jew nuqqasijiet ta' sikurezza;*

Or. en

**Emenda 10**  
**Thomas Mann**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4**

*Abbozz ta' opinjoni*

4. Jixtieq li tiġi żviluppata kultura ta' saħħa u ta' sikurezza, permezz tal-impenn min-naħa tal-intrapriżi u l-parteċipazzjoni attiva min-naħa tal-ħaddiema, partikolarment billi dawn jiġu kkonsultati u billi jiġu assoċjati fit-tfassil u fl-applikazzjoni tal-proċeduri ta' sikurezza, kif ukoll billi tingħata informazzjoni dwar ir-riskju potenzjali li jkunu qed jiffaċċjaw;

*Emenda*

4. Jixtieq li tiġi żviluppata kultura ta' saħħa u ta' sikurezza, permezz tal-impenn min-naħa tal-intrapriżi **kif ukoll trejd junjins** u l-parteċipazzjoni attiva min-naħa tal-ħaddiema, partikolarment billi dawn jiġu kkonsultati u billi jiġu assoċjati fit-tfassil u fl-applikazzjoni tal-proċeduri ta' sikurezza, kif ukoll billi tingħata informazzjoni dwar ir-riskju potenzjali li jkunu qed jiffaċċjaw;

Or. en

**Emenda 11**  
**Pervenche Berès**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4 a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

**4a. Jistieden lill-UE sabiex tippromwovi l-applikazzjoni tal-linji gwida tal-ILO dwar Sistemi ta' Ġestjoni tas-Sikurezza tax-Xogħol u s-Saħħa (ILO-OSH 2001) fl-industrija kollha taż-żejt u l-gass;**

*Emenda*

Or. en

**Emenda 12**  
**Thomas Mann**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4 a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

**4a. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jippermettu biss taħriġ intern jew estern kwalifikat u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa standards Ewropej għal din iċ-ċertifikazzjoni;**

Or. en

**Emenda 13**  
**Jean Lambert**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4 a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

**4a. Iqis li l-ħaddiema kollha, ikun xi jkun l-istatus kuntrattwali tagħhom, għandhom ukoll ikunu infurmati bis-sħiħ rigward proċeduri ta' saħħa u sikurezza meta jaħdmu fuq stallazzjoni fuq il-baħar;**

Or. en

**Emenda 14**  
**Rolandas Paksas**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 5**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqis il-possibilità li tiddefinixxi l-bżonnijiet, f'termini ta' taħriġ għall-ħaddiema li jwettqu kompiti b'riskju għoli;

**5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqis l-istandards u sistemi għoljin ta' sikurezza komuni u tillimita l-perikli sabiex timminizza r-riskji u fejn ikun meħtieġ tippermetti rispons ta' malajr u effettiva u**



l-possibilità li tiddefinixxi l-bżonnijiet, f'termini ta' taħriġ għall-ħaddiema li jwettqu kompiti b'riskju għoli;

Or. en

**Emenda 15**  
**Pervenche Berès**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 5**

*Abbozz ta' opinjoni*

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqis il-possibilità li tiddefinixxi l-bżonnijiet, f'termini ta' taħriġ għall-ħaddiema li jwettqu kompiti b'riskju għoli;

*Emenda*

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqis il-possibilità li tiddefinixxi l-bżonnijiet, f'termini ta' taħriġ għall-ħaddiema, ***inklużi kuntratturi u sottokuntratturi***, li jwettqu kompiti b'riskju għoli ***u sabiex tarmonizzahom biex tkun żgurata implimentazzjoni koerenti fl-ibħra kollha Ewropej***;

Or. en

**Emenda 16**  
**Elizabeth Lynne**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 5**

*Abbozz ta' opinjoni*

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqis il-possibilità li tiddefinixxi l-bżonnijiet, f'termini ta' taħriġ għall-ħaddiema li jwettqu kompiti b'riskju għoli;

*Emenda*

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqis il-possibilità li tiddefinixxi l-bżonnijiet, f'termini ta' taħriġ għall-ħaddiema li jwettqu kompiti b'riskju għoli ***u taħdem b'mod pożittiv ma' msieħba internazzjonali sabiex tesplora l-possibilità li tinkiseb inizjattiva globali dwar ir-regoli rigward is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema***;

Or. en

**Emenda 17**  
**Jutta Steinruck**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 5**

*Abbozz ta' opinjoni*

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqis il-possibilità li tiddefinixxi l-bżonnijiet, f'termini ta' taħriġ għall-ħaddiema li jwettqu kompiti b'riskju għoli;

*Emenda*

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqis il-possibilità li tiddefinixxi l-bżonnijiet, f'termini ta' taħriġ għall-ħaddiema li jwettqu kompiti b'riskju għoli ***u li dawn jiġu aġġornati regolarment sabiex jissodisfaw l-istat l-aktar attwali tat-teknoloġija;***

Or. en

**Emenda 18**  
**Franz Obermayr**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 5**

*Abbozz ta' opinjoni*

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqis il-possibilità li tiddefinixxi l-bżonnijiet, f'termini ta' taħriġ għall-ħaddiema li jwettqu kompiti b'riskju għoli;

*Emenda*

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tqis il-possibilità li tiddefinixxi l-bżonnijiet, f'termini ta' taħriġ għall-ħaddiema ***fl-Istati Membri tal-UE*** li jwettqu kompiti b'riskju għoli;

Or. en

**Emenda 19**  
**Pervenche Berès**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 5 a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

***5a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex isaħħaħ id-drittijiet tal-ħaddiema billi tipproteġihom kontra fastidji sabiex tiżgura li dawn ikunu jistgħu jiddikjaraw nuqqasijiet jew riskji ta' sikurezza lill-awtoritajiet kompetenti b'mod anonimu;***

Or. en

**Emenda 20**  
**Jutta Steinruck**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 6**

*Abbozz ta' opinjoni*

6. Jitlob li jiġu applikati kriterji stretti fil-qasam tas-sikurezza u tat-taħriġ lis-sottokuntratturi, li għandu jkollhom il-kompetenzi meħtieġa biex iwettqu kompiti ta' manutenzjoni u ta' kostruzzjoni;

*Emenda*

6. Jitlob li jiġu applikati kriterji stretti fil-qasam ***tal-protezzjoni tas-saħħa***, tas-sikurezza u tat-taħriġ lis-sottokuntratturi, li għandu jkollhom il-kompetenzi meħtieġa biex iwettqu kompiti ta' manutenzjoni u ta' kostruzzjoni;

Or. en

**Emenda 21**  
**Csaba Ory**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 6**

*Abbozz ta' opinjoni*

6. Jitlob li jiġu applikati kriterji stretti fil-qasam tas-sikurezza u tat-taħriġ lis-sottokuntratturi, li għandu jkollhom il-kompetenzi meħtieġa biex iwettqu kompiti

*Emenda*

6. Jitlob li jiġu applikati kriterji stretti fil-qasam tas-sikurezza u tat-taħriġ lis-sottokuntratturi ***wkoll***, li għandu jkollhom il-kompetenzi meħtieġa biex iwettqu kompiti ta' manutenzjoni u ta' kostruzzjoni

ta' manutenzjoni u ta' kostruzzjoni;

*fl-ambitu ta' responsabbiltà tagħhom;*

Or. en

**Emenda 22**  
**Pervenche Berès**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 6**

*Abbozz ta' opinjoni*

6. Jitlob li jiġu applikati kriterji stretti fil-qasam tas-sikurezza u tat-taħriġ lis-sottokuntratturi, li għandu jkollhom il-kompetenzi meħtieġa biex iwettqu kompiti ta' manutenzjoni u ta' kostruzzjoni;

*Emenda*

6. Jitlob li jiġu applikati kriterji stretti fil-qasam tas-sikurezza u tat-taħriġ lis-sottokuntratturi, li għandu jkollhom il-kompetenzi meħtieġa biex iwettqu kompiti ta' manutenzjoni u ta' kostruzzjoni; ***il-ħaddiema, inklużi kuntratturi u sottokuntratturi u organizzazzjonijiet tal-ħaddiema jridu jkunu infurmati dwar ir-riskji kollha involuti fix-xogħol qabel ma dan jitwettaq;***

Or. en

**Emenda 23**  
**Rolandas Paksas**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 6 a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

***6a. Iħeġġeġ kooperazzjoni eqreb bejn ir-reġjuni tal-Baħar Baltiku u l-Baħar tat-Tramuntana fl-attivitajiet ta' estrazzjoni fuq il-baħar għaż-żejt u l-gass; jitlob, fid-dawl tal-aħjar Prattiki fil-Baħar tat-Tramuntana, li jinbeda studju tal-impatt bir-reqqa tar-riskju u l-ambjent u attivitajiet ta' riċerka preparatorji ta' stallazzjonijiet fuq il-baħar taż-żejt u l-gass fuq il-Pjattaforma tal-Baħar Baltiku;***

**Emenda 24**  
**Pervenche Berès**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 7**

*Abbozz ta' opinjoni*

7. Jitlob lis-soċjetajiet b'sede fl-Unjoni biex japplikaw l-istess regoli fil-qasam tas-saħħa u tas-sikurezza tal-ħaddiema għall-attivitajiet kollha tagħhom fid-dinja.

*Emenda*

7. Jitlob lis-soċjetajiet b'sede fl-Unjoni biex japplikaw l-istess regoli fil-qasam tas-saħħa u tas-sikurezza tal-ħaddiema għall-attivitajiet kollha tagħhom fid-dinja, **sakemm l-attivitajiet ma jsirux f'pajjiż li jipprevedi standards aktar għoljin ta' OSH mill-UE, li f'dak il-każ għandhom ikunu applikabbli;**

**Emenda 25**  
**Elizabeth Lynne**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 7**

*Abbozz ta' opinjoni*

7. Jitlob lis-soċjetajiet b'sede fl-Unjoni biex japplikaw l-istess regoli fil-qasam tas-saħħa u tas-sikurezza tal-ħaddiema għall-attivitajiet kollha tagħhom fid-dinja.

*Emenda*

7. Jitlob lis-soċjetajiet b'sede fl-Unjoni, **jew li joperaw fl-UE**, biex japplikaw l-istess regoli fil-qasam tas-saħħa u tas-sikurezza tal-ħaddiema għall-attivitajiet kollha tagħhom fid-dinja **u sabiex il-Kummissjoni tressaq inizjattiva globali, flimkien mal-Kunsill u l-Parlament, sabiex jittejbu r-regoli kemm fl-UE, kif ukoll barra minnha;**

**Emenda 26**  
**Pervenche Berès**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

**7a. Jistieden lill-UE sabiex tikkollabora mal-pajjiżi relevanti barra l-UE, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema u ta' min iħaddem tagħhom, li ċ-ċittadini tagħhom jagħmlu servizzi fl-industrija taż-żejt u l-gass fuq il-baħar tal-UE sabiex jiżguraw li l-kumpaniji li għandhom sede barra l-UE iżda li joperaw fl-ibħra tal-UE huma marbuta bil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-UE u l-leġiżlazzjoni OSH;**

Or. en

**Emenda 27**  
**Thomas Mann**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

**7a. Jenfasizza li wkoll l-impjegati ta' katina ta' proċessar ulterjuri fuq il-baħar jew fuq l-art huma esposti għal riskji estremament kbar għas-saħħa u s-sikurezza; jitlob lill-Istati Membri sabiex jinkludi dawn l-impjegati fl-attivitajiet ta' regolamentazzjoni tagħhom;**

Or. en

**Emenda 28**  
**Philippe Boulland**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

**7a. Jixtieq li jkun ipprovdut segwitu ta' kura medika regolari għal pazjenti għall-ħaddiema li jeżerċitaw attivitajiet fis-settur taż-żejt u l-gass fuq il-baħar; jirrakkomanda li tal-anqas darba kull sena tkun organizzata żjara medika dwar l-istat fiżiku u psikoloġiku għall-ħaddiema;**

Or. en

**Emenda 29**  
**Pervenche Berès**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 7 b (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

**7b. Jistieden lill-UE tikkunsidra l-possibilità li jinholq regolatur indipendenti għas-sikurezza u s-saħħa esklussivament għall-industrija taż-żejt u l-gass;**

Or. en

**Emenda 30**  
**Philippe Boulland**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 7 b (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

**7b. Jixtieq li titwettaq osservazzjoni permanenti tar-riskji bbażata fuq ġbir sistematiku ta' informazzjoni u opinjonijiet xjentifiċi, dan ikun jippermetti li jkunu antiċipati r-riskji**

*għodda u r-riskji emerġenti;*

Or. en

**Emenda 31**  
**Pervenche Berès**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 7 c (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*7c. Jitlob li jkun hemm aktar trasparenza partikolarment rigward l-iżvelar pubbliku ta' rapporti ta' aċċidenti, l-impatt potenzjali tagħhom fuq is-saħħa pubblika, kif ukoll rapporti ta' spezzjoni; jissuġġerixxi li din l-informazzjoni tkun ċentralizzata fuq pjattaforma Ewropea pubblika;*

Or. en

**Emenda 32**  
**Philippe Boulland**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 7 c (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

*7c. Jixtieq li jiġi approvat mekkaniżmu ta' evalwazzjoni tar-riskji li jġarrbu l-ħaddiema u li din l-evalwazzjoni tkun ikkunsidrata fil-kalkolu tar-remunerazzjoni tal-ħaddiema;*

Or. en



